MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 916/2003/1

**Avukat Dr Christian Farrugia bħala mandatarju speċjali**
**tas-soċjetà estera Tissage Lapalud SA**

**v.**

**Peter Blond International Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fil-5 ta' Settembru 2003 li tghid hekk:
"Premess illi permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal de Commerce de Villefranche Tarare ta' Franza fil-11 ta'

Gunju 1998, is-socjeta` konvenuta giet kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn sebgha u sebghin elf, hames mija u tmienja u tletin u tlieta u hamsin franki francizi (ammontanti ghal approssimittivament tnejn u erbghin tlett mija u ghaxar Euros u sebgha u erbghin centezmi li jekwivalu ghal spprossimmittivament liri Maltin tmintax-il elf mija u tmienja u hamsin bir-rata tal-kambju odjerna) rapprezentanti l-valur ta' fattura mhux imhallsa mis-socjeta` konvenuta, flimkien ma' l-imghaxijiet legali mill-1 ta' Settembru 1997 u l-ispejjez kollha relattivi indikati fl-istess sentenza.

"Premess illi din is-sentenza giet konfermata mill-"Cour d'Appel de Lyon" permezz ta' sentenza moghtija fit-22 ta' Marzu 2001 (Appell Numru U 0114442), liema sentenza ordnat lis-socjeta` konvenuta thallas ukoll l-ispejjez ta' l-istanza ammontanti ghal Euros939.41,u

"Premess illi fit-23 ta' Jannar 2002, il-Cour de Cassation irtirat l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta mis-sentenza tal-Cour d'Appel de Lyon, u

"Premess illi s-sentenza tat-Tribunal de Commerce de Villefanche Tarare fil-11 ta' Gunju 1999 kif konfermata mill-Cour d'Appel de Lyon fit-22 ta' Marzu 2001, illum tikkostitwixxi *res judicata*, u

"Premess illi s-socjeta` attrici trid tezegwixxi s-sentenza definittiva taghha kontra s-socjeta` konvenuta ai termini ta' l-Artikolu 826 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u

"Premess illi jezistu r-rekwiziti kollha formali sabiex tali esekuzzjoni tigi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti:

"Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tordna l-esekuzzjoni kontra taghha f'Malta tas-sentenza tat-Tribunal de Commerce de Villefranche Tarare fil-11 ta' Gunju 1998 kif konfermata mill-Cour d'Appel de Lyon fit-22 ta' Marzu 2001, ghall-principal,

imghaxijiet u spejjez konfermati fl-istess sentenza, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

“Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali ulterjuri kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa’ ngunta in subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Illi d-domanda tas-socjeta` attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha in vista tal-fatt li t-*Tribunal de Commerce de Villefranche Tarare* u l-*Cour d’Appel* de Lyon ma kellhom ebda gurisdizzjoni li jisimghu u eventwalment jiddeciedu fuq il-kaz in kwistjoni u dan a tenur ta’ Artikolu 742(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-merkanzija li ghaliha s-socjeta` qed tippretendi l-hlas, kienet ta’ kwalita` inferjuri u inaccettabbli, oltre li din qatt ma giet konsenjata lis-socjeta` eccipjenti.

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Gunju, 2006, li in forza taghha cahdet it-talba tas-socjeta` attrici u kkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Qabel xejn għandu jingħad illi dan il-każ ma jaqax taħt ir-Regolament 44/2001 tal-Kunsill tal-Komunità Ewropea, magħruf bħala *Bruxelles I*, għax is-sentenza li tagħha qiegħda tintalab l-esekuzzjoni ngħatat qabel ma dak ir-Regolament daħal fis-seħħ f’Malta fl-1 ta’ Mejju 2004 u d-dispożizzjonijiet transitorji fl-art. 66 ta’ dak ir-Regolament igħidu hekk:

““1. This Regulation shall apply only to legal proceedings instituted and to documents formally drawn up or registered as authentic instruments after the entry into force thereof.”

"Il-kawża tallum għalhekk hija regolata bid-dispożizjonijiet fl-artt. 826 *et seq*. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li fiż-żmien relevanti kienu jgħidu hekk:

""**826.** Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Inglżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq ċitazzjoni b'talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi.

"**827.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu li jiġi minnufih qabel dan ma għandhomx iseħħu:

"(*a*) jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-esekuzzjoni tista' tkun attakkata għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 811;

"(*b*) f'każ ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kinux kontumaċi skond il-liġi barranija;

"(ċ) jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta."

""(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-eċċezzjoni ta' inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti li tat is-sentenza, tista' tingħata taħt id-disposizzjoni ta' l-artikolu 811(*d*), ukoll jekk dik il-qorti tkun iddeċidiet fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, fil-każ ta' azzjoni kontra persuna li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti sew minħabba d-domiċilju jew ir-residenza tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx qagħdet minrajha għal dik il-ġurisdizzjoni."

"Għall-każ tallum, ladarba s-soċjetà konvenuta ressqet eċċezzjoni ta' inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti li tat is-sentenza, hija relevanti r-raġuni taħt l-art 811(*d*) għala s-sentenza tista' tkun attakkata:

““(*d*) jekk is-sentenza tkun ġiet mogħtija minn qorti inkompetenti minħabba n-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni … … …”

“Għalkemm is-soċjetà konvenuta dehret quddiem il-qorti franċiża, b’hekk ma qagħditx minrajha għall-ġurisdizzjoni ta’ dik il-qorti, għax ressqet eċċezzjoni ta’ inkompetenza li iżda kienet miċħuda wara illi l-qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

““WHEREAS in the case in point, the following comment is included on all the successive documents of the ETS LAPALUD corresponding to the execution phases of the operations, in red (with the rest of the text being in blue), in large characters thus quite apparent in relation to the rest of the text: "SEE OUR SALES TERMS ON THE REVERSE SIDE",

“THAT it is specified under this comment, in French <u>and in English:</u>

"The purchaser acknowledges having perused the present general sales terms and having accepted them.

"Any order implies that the purchaser waives his right to take advantage of his own general purchasing terms".

“THAT the general sales terms on the reverse side are also in French and in English.

“WHEREAS these same documents were used for previous trade relations between the TISSAGES LAPALUD Company and the PETER BLOND INTERNATIONAL Company,

“THAT there are grounds for stating that the clause contained in the general sales terms of the TISSAGES LAPALUD Company comes under the above-mentioned conditions,

“WHEREAS all documents including this clause were brought to the attention of the PETER BLOND

INTERNATIONAL Company and added to the proceedings (both parties signing the same documents which include this clause),

“WHEREAS PETER BLOND INTERNATIONAL did not repudiate these general sales terms in favor of other terms, whereas, moreover, it is not maintained that there were any other terms,

“WHEREAS this clause is thus perfectly enforceable with respect to the PETER BLOND INTERNATIONAL Company,

“Consequently the Court should declare itself competent to hear the dispute.”

“Il-qorti barranija għalhekk sabet li kellha ġurisdizzjoni bis-saħħa ta’ patt bejn il-partijiet.

“Is-soċjetà konvenuta reġgħet ressqet quddiem din il-qorti l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ kompetenza tal-qorti franċiża għar-raġuni li l-kawża kienet fil-kompetenza tal-qrati ta’ Malta. Din l-eċċezzjoni, iżda, ma hjiex tajba għax il-ġurisdizzjoni ma tkunx dejjem esklużiva: il-fatt li l-qrati ta’ Malta kellhom ġurisdizzjoni ma jfissirx illi qorti barranija ma setax ukoll kellha ġurisdizzjoni, aktar u aktar jekk bejn il-partijiet kien hemm patt li jagħti ġurisdizzjoni lil dik il-qorti.

“Madankollu, il-prova illi kien hemm dak il-patt trid issir u, ladarba l-art. 827(2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi deċiżjoni dwar il-kompetenza tagħha mogħtija mill-qorti barranija ma torbotx lil din il-qorti — u għalhekk is-sentenza ma hijiex prova ta’ l-eżistenza tal-patt —, il-prova trid issir quddiem din il-qorti, u l-oneru qiegħed fuq is-soċjetà attriċi.

“Din il-prova ma saritx, għax ma ntweritx kopja tal-kuntratt bejn il-partijiet, u lanqas ma saret prova illi s-soċjetà konvenuta kellha d-domiċilju jew ir-residenza tagħha fi Franza.

“Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti ma ssibx li l-qorti franċiża kellha ġurisdizzjoni biex tisma’ u taqta’ l-kawża li fiha ngħatat is-sentenza li tagħha qiegħda tintalab l-esekuzzjoni, u għalhekk is-sentenza ma tistax tiġi esegwita f’Malta.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attur nomine li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza ta’ l-ewwel grad billi tilqa’ t-talbiet tieghu u tiehu kwalunkwe provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun fl-interess tal-gustizzja, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata;

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li l-appell ta’ l-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu;

Semghet lid-difensur ta’ l-appellant fl-udjenza tat-8 ta’ Lulju 2008; hadd ma deher ghas-socjeta` appellata ghalkemm din kienet debitament notifikata kif jirrizulta min-notifika datata 17 ta’ Gunju 2008;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ghall-esekuzzjoni ta’ sentenza ta’ Qorti estera (Qorti ta’ l-Appell ta’ Lyon, Franza) li llum tikkostitwixxi gudikat; id-dettalji tal-process tal-kawza li nstemghet fi Franza jinsabu fil-premessi tac-citazzjoni. L-esekuzzjoni tas-sentenza qed tintalab a bazi ta’ l-Artikoli 825A sa 828 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta). Hu car, fil-fehma ta’ din il-Qorti, li l-provvedimenti tar-Regolament 44/2001 tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropeja, maghrufa wkoll bhala “Bruxelles I“, ma japplikawx ghall-kaz in kwistjoni, peress li fit-terminu ta’ l-Artikolu 3 ta’ l-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460 tal-Ligijiet ta’ Malta), ir-regoli ta’ l-Unjoni ghandhom jorbtu lil Malta b’sehh mill-1 ta’ Mejju, 2004, fil-waqt li s-sentenza in kwistjoni nghatat fit-22 ta’ Marzu, 2001. L-attur fil-fatt, fic-citazzjoni jghid b’mod car li kien

qed jitlob l-esekuzzjoni tas-sentenza a bazi ta' dak li jipprovdi l-indikat Kap. 12.

L-Artikolu 826 ta' l-imsemmi Kodici jiddisponi li sentenzi esteri jistghu jigu esegwiti mill-Qorti kompetenti ta' Malta, bhas-sentenza moghtija f'Malta, fuq talba li ssir ghal dan l-iskop. L-Artikolu 827, imbaghad jipprovdi hekk:

"(1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu li jigi minnufih qabel dan ma ghandhomx isehhu:

(a) jekk is-sentenza li taghha tintalab l-esekuzzjoni tista' tkun attakkata ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 811;

(b) f'kaz ta' sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skond il-ligi barranija;

(c) jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta.

"(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-eccezzjoni ta' inkompetenza minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qorti li tat is-sentenza, tista' tinghata taht id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 811(d), ukoll jekk dik il-qorti tkun iddecidiet fuq l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza, fil-kaz ta' azzjoni kontra persuna li ma taqax taht il-gurisdizzjoni ta' dik il-qorti sew minhabba d-domicilju jew ir-residenza taghha, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx qaghdet minrajha ghal dik il-gurisdizzjoni."

Issa, f'dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda lment fit-termini tas-subartikolu (1)(a)(b)u(c) ta' dan l-artikolu, u osservat biss li l-qrati francizi ma kellhomx gurisdizzjoni *in subjecta materia* a bazi ta' l-Artikolu 742(b) [recte: 742(1)(b)] ta' l-istess Kap. 12. Dan l-artikolu, proprjament, huwa irrilevanti ghall-kwistjoni ghax jiddetermina l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi, u l-fatt li s-socjeta` konvenuta hija registrata Malta u, kwindi, soggetta ghal gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, ma jeskludix li Qrati esteri jistghu huma wkoll

ikollhom gurisdizzjoni fil-konfront ta' l-istess socjeta` f'certi cirkostanzi.

L-Artikolu 827 tal-Kodici ta' Procedura kien, hu veru, jghid li sentenza estera ma setghetx tigi enforzata Malta f'kaz li jkunu jezistu cirkostanzi li jaghtu gurisdizzjoni lill-Qrati Maltin fit-terminu ta' l-Artikolu 742, (ara "Attard v. Cremona", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 1968) pero`, dan l-artikolu gie emendat fl-1995 – jigifieri qabel ma nghatat is-sentenza estera meritu ta' din il-kawza – b'mod li issa sentenza estera ma tkunx tista' tigi enforzata f'Malta jekk jikkonkorru t-tlett ragunijiet fuq indikati, u mhux aktar minhabba l-gurisdizzjoni konkomitanti tal-qrati Maltin.

L-ewwel Qorti kienet konxja minn dan, tant li *sua sponte* injorat ir-riferenza ghall-Artikolu 742, u qieset l-eccezzjoni bhala wahda ta' inkompetenza fit-terminu ta' l-Artikolu 811(d) li ghalih jaghmel referenza l-imsemmi Artikolu 827(1)(a).

Din il-Qorti ma tahsibx li, ghall-fini ta' l-Artikolu 826, Qorti mitluba tesegwixxi sentenza estera, ghandha tissolleva *sua sponte* difiza fit-termini ta' l-Artikolu 827, ghax mhux xoghol il-Qorti li tinvestiga hi jekk hemmx xi ostakolu ghall-infurzar tas-sentenza estera.

F'kull kaz, anke jekk din il-Qorti tigi biex tezamina l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 811(d) ghall-kaz, issib li, fil-fatt, il-qorti Franciza kellha gurisdizzjoni tisma' u tiddeciedi fuq il-kaz u dan minhabba klawsola gurisdizzjonali li kienet torbot il-partijiet. Fil-fatt, meta l-kaz tressaq quddiem il-qrati Francizi, is-socjeta` konvenuta eccepiet in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dawk il-qrati fid-dawl tal-fatt li hi kumpanija li hi registrata Malta. Il-qrati Francizi trattaw dan il-punt b'mod estensiv u sabu li la darba l-partijiet qablu li, f'kaz ta' dizgwid, il-qrati kompetenti li jiddeterminaw il-materja ghandhom ikunu dawk Francizi, allura huma kellhom il-kompetenza jisimghu l-kaz.

L-ewwel Qorti qalet li, skond l-Artikolu 827(2), dik id-decizjoni ma kenitx torbot lill-qrati Maltin u ghalhekk is-

sentenza ma hijiex prova ta' l-ezistenza tal-patt. Fil-waqt li din il-Qorti tapprezza l-ewwel konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti, tara li t-tieni konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti hija, bir-rispett dovut, *non sequitur*. Il-fatt li, nonostante s-sentenza tal-qorti estera, l-eccezzjoni ta' inkompetenza xorta wahda tista' tinghata fi proceduri ghall-esekuzzjoni tas-sentenza hawn Malta, ma jfissirx li l-Qorti lokali ghandha tinjora dak li jirrizulta minn dik is-sentenza estera. Hu veru li l-attur nomine naqas meta ma esebiex kopja tal-kuntratt bejn il-partijiet, pero` l-ezistenza tal-kuntratt u tal-patt gurisdizzjonali jirrizultaw mis-sentenza tal-qrati Francizi. Din il-Qorti, mitluba biex tesegwixxi sentenza ohra, mhix marbuta b'dak li tiddeciedi l-qorti estera dwar il-gurisdizzjoni taghha, pero`, il-kostatazzjonijiet ta' fatt li taghmel il-qorti estera jikkostitwixxu "prova" ghall-fini tal-proceduri lokali.

Mis-sentenzi tal-qrati Francizi jirrizulta li s-socjeta` konvenuta accettat minn rajha u preventivament li toqghod ghal gurisdizzjoni tal-qrati Francizi, u dan in virtu` ta' klaswola "*included in the conditions printed on a document emanating from one party, when this document is part of the framework of current trade relations between the parties, and when these relations are governed by general conditions including said clause*" – Cour de Cassation, Franza 9 ta' Jannar, 1996.

Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "<u>Cefai noe v. Valletta Freight Services Ltd.</u>" Deciza fl-20 ta' Marzu, 2000, klawsola ta' gurisdizzjoni favur tribunal esteru u li tigi inkluza f'kuntratt hija valida, u ghandha tigi rispettata anke jekk il-qrati Maltin jistghu, huma wkoll, ikollhom gurisdizzjoni, u d-decizjoni li tinghata fl-istess tkun esegwibbli hawn Malta.

Kwindi ma jirrizultax li jezisti xi ostakolu ghall-enforzar hawn Malta tas-sentenza in kwistjoni. Is-socjeta` konvenuta tghid ukoll li l-prodott konsenjat kien ta' kwalita` inferjuri, pero`, din hi kwistjoni li tidhol fil-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, kwistjoni li giet trattata u deciza kontra s-socjeta` konvenuta mill-qrati Francizi. Kif intqal

minn din il-Qorti fil-kawza "Schoeller International Gmbh v. Ellul et", deciza fl-10 ta' Mejju, 2005,

"F'dan il-kuntest din il-Qorti, pero`, thoss li ghandu jigi osservat li meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost ta' l-Artikolu 826 *et sequitur* tal-Kap. 12."

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur nomine billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u tghaddi biex tilqa' t-talba ta' l-attur nomine kif dedotta fic-citazzjoni tal-5 ta' Settembru 2003 u kif riportata hawn aktar 'l fuq f'din is-sentenza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------